**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Manwel Cassar ta' 47 sena bin il-mejjet Anthony u Helen nee` Attard li joqghod 14, St Mary, Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq, Malta jew 4 Triq it-Torri Tinghi Xewkija.**
**Karta ta' Identita' numru 676852(M)**

Illum 5 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-20 ta' Marzu 2000 ghall-habta tat-2:45 p.m. u xi hin wara fix-Xewkija Ghawdex, (1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew b'xi mod iehor, (2) aktar talli ghad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha, (3) aktar talli ngurja jew hedded il-persuna tas-Surgent 187 Mario Cassar, wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (4) aktar talli fl-istess data, post u ghall-habta tat-3.15p.m. fi Triq Sant Elija, fix-Xewkija, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' l-imsemmi Surgent 187 Mario Cassar, wegga' lill-istess surgent bi kliem jew b'xi mod iehor jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, (5) aktar talli bhala l-persuna responsabbli minn u lilu fdata l-vettura Jeep li ggib in-numru tar-registrazzjoni BBG 713 naqas li jgedded il-licenzja ta' l-istess vettura f'dawn il-gzejjer, (6) aktar talli bhala l-persuna hawn fuq imsemmija u wkoll bhala x-xufier ta' l-imsemmija hawn vettura BBG 713 fid-data u post hawn indikat saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni ghall-riskju ta' terzi persuni, (7) aktar talli biddel jew ordna jew gieghel it-tibdil tal-makna tal-vettura BBG 713 vettura bil-mutur minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, (8) fl-ahhar talli uza l-istess vettura hawn imsemmija BBG 713 vettura bil-mutur, meta kien jaf li hi bi ksur tad-dispozizzjoni tal-paragrafu (1) tar-regolamenti 91 tal-MVR.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba li tissospendi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta konflitt u inezattezzi fil-provi;

Ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur